**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 t' April 2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Spettur Darryl Farr)**

**vs**

**Abdirahman Abdi Gure**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet - kif emendati fit-18 ta' Dicembru 2024 - migjuba kontra:

Abdirahman Abdi Gure ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Abdi u Marian, ta' nazzjonalita' Somaljana, imwieled is-Somalja, nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disgħa mija u disgħa u tmenin (1989), u residenti ġewwa indirizz mhux magħruf u detentur tal-karta' tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0111765A;

Akkuzat talli fit-tmienja u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2024), ġewwa x-Xatt ta' Spinola, San Ġiljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq fi flus kontanti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu

(€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Gabriella Farkas u/jew ta' xi persuna/i oħra;
Artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;
Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), u x-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer:

3. Għex ħajja ta' għażż u vagabondaġġ;
Artikolu 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 28H *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni ai termini tal-istess Artikoli 15A u 28H *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Gabriella Farkas billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2025 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' tlett (3) snin prigunerija, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet fuq il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, u anke mill-provi prodotti il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

9. Din l-ammissjoni certament ma tistax titqies bhala wahda bikrija – fil-fatt din l-ammissjoni saret mhux biss wara li d-difiza kien ghalqet il-provi taghha, izda din il-Qorti kienet ukoll diga tat lill-partijiet il-fakolta li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet finali fil-meritu.[1]

10. Mill-provi prodotti jirrizulta lill'hinn minn kull dubbju ragonevoli li l-imputat inqabad jisraq *in flagrante*, tant li huwa personalment irritorna l-maggoranza tal-affarijiet li seraq lid-derubata, qabel gie arrestat mill-Pulizija.[2] Fil-fatt Gabriella Farkas, id-derubata, xehdet li l-imputat serqilha basket tad-ditta Burburry li fih kellha l-mobile u erba' mija u hamsin Euro (€450.00) u hamsin elf Forint Ungeriz (HUF 50,000) fi flus kontanti. Skont ir-rapport tal-Pulizija il-basket kien jiswa tlett mitt Euro (€300.00) fil-

[1] Ara verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu 2025 a fol. 130 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' Gabriella Farkas a fol. 35-37 tal-process.

waqt li l-mobile jiswa tminn mitt Euro (€800.00).[3] Gabriella Farkas xehdet li l-imputat ta lura l-affarijiet kollha misruqa hlief ghall-ammont ta' tletin elf Forint Ungeriz (HUF 30,000), mill-ammont originali misruq ta' hamsin elf Forint Ungeriz (HUF 50,000). Skont il-website tal-Bank Centrali Ewropew, fid-data tal-incident tletin elf Forint Ungeriz (HUF 30,000) kienu ekwivalenti ghal cirka hamsa u sebghin Euro (€75.00)[4].

11. Minn dan isegwi li l-valur tal-oggetti misruqa mill-imputat kien ta' cirka elf sitt mija u hamsa u sebghin Euro (€1,675.00), li minnhom ma gewx ritornati €75.00. Ghal fini ta' kompetezza jinghad li fir-rapport tal-Pulizija hemm indikat li l-imputat ma irritornax lura l-ammont ta' hames mija u hamsin Euro (€550.00).[5] Pero, dan ma jirrizultax mix-xhieda ta' Gabriella Farkaz, u l-unika ammont li jirrizulta li ma intghatax lura huma t-tletin elf Forint Ungeriz (HUF 30,000), kif diga inghad.

12. Waqt it-trattazzjoni orali, id-difiza emfasizzat hafna li din hija l-ewwel darba li l-imputat xellef idejh mal-gustizzja. Pero mill-atti jirrizulta li dan mhux il-kaz. Fil-fatt mill-fedina penali jirrizulta illi l-imputat ghandu diga zewg kundanni ohra minn dawn il-Qrati, wahda ghal ferita ta' natura hafifa u tlett kontravvenzjonijiet, u l-ohra ghal zewg kontravvenzjonijiet.[6]

13. Pero dak li hu aktar inkwetanti ghal din il-Qorti huwa l-fatt li kemm fiz-zewg sentenzi precedenti kif ukoll fil-kawza odjerna, l-imputat instab hati *inter alia* li kien fis-sakra f'post pubbliku. In oltre kemm fit-tieni sentenza kif ukoll fil-proceduri odjerni, huwa instab hati li qed jghix hajja ta' ghazz u vagabondagg. Fil-fatt fl-ezami waqt dawn il-proceduri, l-imputat iddikjara li ma jahdimx, u lanqas ghandu indirizz fejn joqghod.[7] Ghalhekk jidher li l-imputat ma tghallem xejn miz-zewg kundanni precedenti, u baqa' jippersisti li jghix hajja ta' ghazz u vagabondagg, bl-abbuz tal-alkohol – tip ta' hajja li inevitabbilment twassal li jigu kommessi reati kriminali ohra.

14. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-unika piena idonea tista' tkun biss wahda ta' habs effettiv. Mill-provi prodotti, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li jekk

---

[3] Ara fol. 12 tal-process.
[4] Ara https://data.ecb.europa.eu/currency-converter.
[5] Ara fol. 13 – 14 tal-process.
[6] Ara fol. 9 tal-process.
[7] Ara fol. 18 tal-process.

l-imputat jinghata sentenza sospiza ta' habs, huwa se jkompli jghix f'hajja ta' ghazz u vagondagg, li twasslu biex jikkommetti reati ohra.

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 338(ff) u 338(w) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija, li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

2. In oltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati biex ihallas lil Gabriella Farkaz is-somma ta' hamsa u sebghin Euro (€75.00), rapprezentanti l-ammont ta' flus misruqa u mhux ritornati lura lilha.

   Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**